MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 370/2006/1

**Carmel Brand Company Limited**

**vs**

**Worldwide Import and Export Company Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-20 ta’ Jannar, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors fuq indikat datat it-28 ta’ Novembru tas-sena 2006, fejn is-socjeta` rikorrenti sejhet lis-socjeta` intimata fuq indikata sabiex tghid ghaliex m’ghandhiex tkun ikkundannata:
>
> 1. Illi tirrifondi lura l-ammont ta’ elfejn sitt mija u hamsin Liri Maltin (LM2,650.00,0) liema ammont

thallas lill-istess socjeta` intimata bi zvista u minghajr qatt ma kien lilha dovut;

2. Bl-ispejjez ta' din il-procedura, kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali datat 7 ta' Settembru tas-sena 2006, u dawk tal-mandat ta' sekwestru nvolut u bl-interessi legali dekorribbli mid-data tal-hlas u cioe`, mit-28 ta' Mejju tas-sena 2001 sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta` konvenuta li hija ngunta sabiex tidher ghas-subzzjoni;

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata datata s-7 ta' Dicembru tas-sena 2006, li permezz taghha rrispondiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma kompletament nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti ghar-ragunijiet segwenti:

i. Illi, *in limine litis,* l-azzjoni attrici, (ghar-refuzjoni ta' pagament indebitu allegatament maghmul mis-socjeta` attrici lis-socjeta` eccipjenti), hija preskritta *ai termini* ta' l-artikolu 1027 tal-Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-azzjoni attrici hija preskritta *inter alia* skond l-artikolu 2156(f) ta' l-istess Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta;

iii. Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, is-somma mitluba mis-socjeta` attrici mhijiex dovuta lilha stante li mhuwiex minnu li sar, kif inhu allegat mis-socjeta` attrici, xi "hals bi zvista" lis-socjeta` eccipjenti. Il-pagament li sar lis-socjeta` eccipjenti kien pagament debitament dovut lis-socjeta` eccipjenti mis-socjeta` attrici bhala hlas ghall-

prezz ta’ merci (konsistenti fi trab tal-halib), mibjugha u konsenjata lill-istess socjeta` attrici accettati minnha;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi;

Rat id-digriet taghha, datat is-7 ta’ Marzu tas-sena 2007, li permezz tieghu ordnat li l-provi jigu limitati ghall-eccezzjonijiet rigwardanti l-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` intimata;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali rigwardanti z-zewg eccezzjonijiet preliminari sollevati mis-socjeta` intimata;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza in dizamina hi limitata ghall-analizi taz-zewg eccezzjonijeit sollevati, it-tnejn rigwardanti l-preskrizzjoni;

Illi in sintesi, dawn l-eccezzjonijiet jirrigwardaw rispettivament is-segwenti:

1. Dik sollevata taht l-artikolu 1027 tal-Kap 16;

i. Meritu: biex jintalab lura dak li jkun inghata minghajr ma kien imiss;

ii. Perjodu Preksrittiv: bl-gheluq ta’ sentejn minn dakinhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-izball;

2. Dik sollevata taht l-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16;
i. Meritu: l-azzjoni ghall-hlas ta’ kull kreditu…li gej minn operazzjonjiet kummercjali jew minn

hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa`, skond il-ligi…taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku;

ii. Perjodu Preskrittiv: bl-eghluq ta’ hames snin.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti kif esposti mill-partijiet limitatament ghal dawn iz-zewg eccezzjonijiet preliminari jistghu jigu ndikati bil-mod segwenti:

1. Illi skond ir-rikors promotur is-socjeta` rikorrenti qed titlob ir-rifuzjoni ta’ l-ammont minnha hemm indikat ghaliex il-pagament li minnha sar ma kienx dovut lis-socjeta` intimata u sar bi zball;

2. Illi skond l-affivadit tar-rapprezentant tas-socjeta` intimata l-pagament inkriminat kien effettwat fit-28 ta’ Mejju tas-sena 2001;

3. Illi ghalkemm kien hemm xi kuntratti informali fir-rigward jidher li l-ewwel data ta’ rilevanza tidher li hi s-7 ta’ Settembru tas-sena 2006, kif jidher fir-rikors promotur, izda prova tangibbli fir-rigward ma tezistix ghaliex l-ebda kopja taghha ma giet prezentata fl-atti odjerni;

4. Illi minn naha tieghu, rapprezenant tas-socjeta` rikorrenti isostni li s-socjeta` tieghu kienet tixtri “*skimmed milk powder”* mis-socjeta` intimata;

5. Illi minn ricerka fil-kontijiet tas-socjeta` rikorrenti rrizulta li *invoice* partikolari, dik bin-numru 590265 thallset darbtejn;

6. Illi pero` hu l-istess rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti li jsostni li din l-iskoperta saret wara li kien gia`ghadda perjodu ta’ xi hames snin minn meta gie skopert dan;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta li l-pagament in dizamina gie effettwat fit-28 ta' Marzu tas-sena 2001, (ara fol 27);

Illi jidher li l-ewwel intimazzjoni gudizzjarja sehhet permezz tan-notifika tar-rikors in dizamina datat it-28 ta' Novembru tas-sena 2006;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tad-dati indikati fiz-zewg paragrafi precedenti u tenut kont li l-perjodu involut qatt ma gie interrott, ghandu jkun pacifiku, li gie sodisfatt l-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 senjatament, bid-dekors ta' hames (5) snin;

Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` intimata ipprovat l-ewwel eccezzjoni preliminari minnha sollevata u konsegwentement, filwaqt li tirriserva li tipprovdi dwar it-tieni eccezzjoni preliminari, jekk ikun il-kaz, takkolji l-ewwel eccezzjoni preliminari u konsegwement:

1. Tiddikjara li l-azzjoni odjerna kif sollevata mis-socjeta` attrici hi preskritta;

2. Tillibera lis-socjeta` intimata mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti Camel Brand Company Limited (C-19110).**"**

Bl-appell taghha kontra din is-sentenza s-socjeta` attrici tavvanza dawn l-obbjezzjonijiet:-

(1) Meta l-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili, ma setghetx imbaghad fil-parti konkluziva tad-decizjoni tghid li kienet qeghda tirrizerva li tipprovdi dwar it-tieni

eccezzjoni preliminari relattiva ghal dik l-istess xorta ta' preskrizzjoni;

(2) In referenza ghall-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni opposta skond l-Artikolu 1027 tal-Kapitolu 16 hi ressqet l-evidenza debita biex tikkombatti din il-preskrizzjoni;

Huwa mill-ewwel evidenti minn ezami tas-sentenza appellata illi ma tezisti ebda rabta logika bejn il-parti razzjonali taghha u l-konkluzjoni . Dan ghaliex mentri fil-parti konsiderativa l-ewwel Qorti ddeterminat li l-azzjoni kienet preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156 (f) spiccat biex tghid illi qed tilqa' l-ewwel eccezzjoni (dik relattiva ghall-preskrizzjoni taht l-Artikolu 1027) u rrizervat li tipprovdi dwar it-tieni eccezzjoni [il-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156 (f)] li hi kienet diga` ddeterminat skond il-motivazzjoni taghha. Jista' jkun illi, kif rilevat mis-socjeta` konvenuta, dak li sar kien zball materjali evidenti. Jibqa' l-fatt illi r-rabta bejn il-motivazzjoni u l-konkluzjoni hi non-konsegwenzjali u kontradittorju u tali qaghda strettament tinficja d-decizjoni;

Apparti dan, hemm konsiderazzjoni ohra li trid issir. Jinzel mid-dispost ta' l-Artikolu 2107 (2) tal-Kodici Civili illi fl-istitut tal-preskrizzjoni kkontemplat skond il-ligi taghna, oggett tal-preskrizzjoni hija l-azzjoni. Li jfisser, illi dak li kellu jigi stabbilit hu jekk l-azzjoni kif koncepita mis-socjeta` attrici kienetx preskrittabbli u liema kien it-terminu relattiv abbinat ghaliha;

Dikjaratament, jirrizulta mill-korp ta' l-Avviz illi l-premessa ghat-talba hi arginata fuq il-bazi ta' l-allegazzjoni illi s-socjeta` attrici ghamlet bi zvista hlas meta dan ma kienx hekk dovut. Kontra din l-azzjoni s-socjeta` konvenuta eccepiet fl-ewwel lok il-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini ta' l-Artikolu 1027 u, sekondarjament, bit-tieni eccezzjoni, il-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili. Ghalkemm fil-korp tas-sentenza l-ewwel Qorti rreferiet

ghall-Artikolu 1027 u sahansitra rriproducietu, spiccat, imbaghad, biex lanqas tikkonsidra l-portata tieghu ghax-xorta ta' azzjoni proposta.  Dan, fil-hsieb tal-Qorti hu guridikament zbaljat;

Manifestament, is-socjeta` attrici appellanti ma kienetx qeghda tippretendi kreditu ghal kawza civili izda l-kundanna tas-socjeta` konvenuta ghall-obbligazzjoni restitutorja, ossija l-obbligu tas-socjeta` konvenuta, *qua "accipiens",* li tirrestitwilha, *qua "solvens"* l-indebitu reklamat.  Id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 2156 (f) "*ha inteso colpira le azioni tendenti a reclamare ogni credito, qualunque ne fosse la causa*" ("**Francis Spiteri -vs- Eustrachio Petrococchino *et***", Qorti tal-Kummerc, 9 ta' Jannar, 1919), salv dejjem fil-kaz fejn il-kreditu ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku jew dan "ma jkunx jaqa' skond il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar". Strettament, l-azzjoni ta' ripetizzjoni ta' indebitu m'ghandux b'oggett il-kreditu kif mill-Artikolu 2156 (f) ikkontemplat izda r-rivendikazzjoni ta' dak imhallas meta ma kellux jinghata.  Veru li f'certu sens l-azzjoni hi diretta ghat-tutela ta' kreditu, intiz f'sens ampju, ghal xi wiehed mill-kazijiet ikkontemplati fl-Artikoli 1021 u 1022, Kodici Civili, izda dan m'ghandux jigi konfuz mal-kreditu innfisu u d-disposizzjoni relattiva ghall-preskrizzjonijiet, attiz in-natura eccezzjonali taghhom, m'ghandhomx jigu ntizi oltre l-kazijiet fihom espressi;

Premess dan, il-Qorti m'hix imsejha hawnhekk biex tezamina jekk jikkonkorrux, fil-fattispeci, ir-rekwiziti pacifici ta' l-istitut ta' l-indebitu, drabi ohra ezaminati minn din l-istess Qorti f'sentenzi anterjuri taghha (ara b'ezemplari "**Gasan Mamo Insurance Limited -vs- Untours Insurance Agents Limited *nomine***", Appell mit-Tribunal ghal talbiet Zghar, 21 ta' Gunju, 2006), izda jekk jissussistix di fronte ghat-talba attrici t-terminu preskrittiv ta' sentejn a norma ta' l-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili;

Hu ritenut fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell, Sede Civili, tal-21 ta’ Jannar, 1921 fl-ismijiet “**Giovanna Bugeja -vs- Giuseppe Riccardo Bugeja**”, illi “*la disposizione del detto articolo 733 dell’ Ordinanza No. VII del 1868 (*fil-prezent l-Artikolu 1027, Kodici Civili) *è stata dal patrio legislatore introdotta per rimuovere il dubbio su cui si discute in dottrina, se cioe alla azione per indebito sia applicabile la stessa prescrizione stabilita dalla legge per le azioni di nullita o rescissione dei contratti, contemplata nell’articolo 930 della stessa ordinanza* (illum Artikolu 1222, Kodici Civili)”. Ghalhekk tkompli tghid din is-sentenza illi “*ne segue che essa (*art. 1027*) ne desume gli stessi caratteri e gli stessi estremi quali sono quelli della prescrizione estintiva ...*”;

Riaffermata din il-preliminari, is-socjeta` appellanti tikkontendi illi l-azzjoni minnha proposta ma kienetx preskritta ghaliex hi intavolatha fiz-zmien is-sentejn “minn dak in-nhar illi dak li tmiss l-azzjoni jikxef l-izball”. Tkompli tissottometti illi hi ressqet il-prova debita taz-zmien meta sar minnha maghruf l-izball, u din il-prova ma gietx ribattuta mill-kontroparti. Ghal dan is-socjeta` konvenuta appellata tressaq fir-risposta ta’ l-appell taghha il-kontro-argument illi l-perijodu ta’ sentejn jibda jiddekorri minn meta l-attur kellu l-kapacita li jsir jaf bl-izball. Dan, hi tispjegah fis-sens illi l-mument kien dak stess tal-pagament erroneju u mhux minn dak li fih terz estraneju ntebah b’dak l-izball u attira l-attenzjoni tas-socjeta` attrici ghalih. B’din il-kontestazzjoni s-socjeta` konvenuta appellata donnha trid tfisser illi d-dekorriment tas-sentejn kellu jibda jghaddi mill-jum li fih is-socjeta` attrici, u mhux haddiehor, setghet indunat u skopriet l-izball. Ghal din il-proposizzjoni l-Qorti jidhrilha li ghandha twiegeb sew il-konsiderazzjoni statwita mill-Qorti ta’ l-Appell, sede Kummercjali, tat-3 ta’ Frar, 1958 in re: “**Edward V. Spiteri -vs- Francis A. Falzon**”. In referenza ghall-ahhar parti ta’ l-Artikolu 1027, fiha nghad illi “dan ma jhalli ebda dubju ta’ interpretazzjoni, ghax li kieku l-legislatur ried ifisser dak li jippretendi l-appellanti (fil-kaz in ispecje, is-socjeta` appellata), kien jghidu espressament, kif ghamel fil-kaz tal-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni redibitorja u ta’ l-azzjoni

estimatorja fejn fl-Artikolu 1481 (2) [illum Artikolu 1431 (2)] tal-Kodici Civili, jiddisponi illi , 'jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidherx tal-haga, iz-zmenijiet ... tal-preskrizzjoni ma jibdewx jghaddu hlief minn dakinhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett.' Il-lokuzzjoni differenti ta' dawn iz-zewg disposizzjonijiet tal-Kodici juru car li dawn ma jistghux jittiehdu u jinftehmu f'sens wiehed". Bhal f'dak il-kaz, anke l-interpretazzjoni li tittanta toffri s-socjeta` konvenuta mhix sostenibbli;

Jikkonsegwi mill-konsiderazzjonijiet kollha maghmula illi l-ebda eccezzjoni tax-xorta ta' preskrizzjoni opposta mis-socjeta` konvenuta ma kienet meritevoli ta' akkoljiment. Naturalment, tibqa' impregudikata l-kwestjoni jekk fuq il-bazi tal-fatti attendibbli jikkonkorrux l-estremi mehtiega mil-ligi ghar-ripetizzjoni ta' indebitu u dak tad-dritt vantat mis-socjeta` attrici u minnha radikat fil-parametri ta' l-Artikolu 1021 *et sequitur* tal-Kodici Civili. Tali stharrig ghandu jsir mill-ewwel Qorti li lilha ser ikollhom jigu rimandati l-atti, tenut rifless ukoll ta' dak sottomess mis-socjeta` konvenuta fit-tielet eccezzjoni taghha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata fejn din sabet illi l-azzjoni tas-socjeta` attrici kienet preskritta. L-atti qeghdin jigu rinvijati lura lill-ewwel Qorti biex din tiddetermina u tiddeciedi t-talba tas-socjeta` attrici u ta' l-eccezzjoni ghaliha fil-mertu. L-ispejjez s'issa inkorsi taz-zewg istanzi jitbatew mis-socjeta` konvenuta appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------